# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-15 ta' Marzu 2021**

**Rikors Numru : 379/2020 JPG**

**Kawza Numru : 15**

**MCB**

**Vs**

**SCB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MCB, datat 2 ta' Novembru 2020 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti kien izzewweg lil SCB (ID 231880M) liema zwieg kien gie fis-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004) [Dok A] u kienu ssepparaw ai termini ta' kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Rueben Debono datat tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) [Dok B].*

*Illi mill-imsemmi zwieg twieldu zewgt itfal MCB li ghandha X u GCB li ghandu Y;*

*Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' SCB, datata 1 ta' Dicembru 2020, a fol 14 li taqra hekk:

1. *Illi huwa minnu li l-partijiet isseparaw bonarjament fit-12 ta' Dicembru 2012 ai termini tal-kuntratt ipprezentat minn zewgha.*

2. *Illi l-partijiet ghandhom zewgt itfal M u GCB u ai termini ta' klawsola 4 tal-kuntratt ir-ragel obbliga ruhu li jhallas 50 Ewro ghall kull wild kull gimgha bhala manteniment, liema manteniment kellu jizdied kull sena l-gholi tal-hajja.*

3. *Illi zewgha ghandu arretrati tal-manteniment fis-somma ta' disa mija wiehed u tmenin Ewro u hdax-il centezmu (981.11) Ewro, rapprezentati z-zieda tal-gholi tal-hajja.*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni*

5. *Illi l-partijiet ilhom iktar minn 4 snin rikjesti mil-ligi separati de facto u qatt ma marru jghixu flimkien mid-data tal-kuntratt indikat.*

6. *Illi f'kaz li jhallas l-arretrati dovuti, hi ma toggezzjonax ghall-hall taz-zwieg.*

7. *Illi f'kaz li z-zwieg jinhall, hija tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe C.*

   *Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tal-intimata datata 4 ta' Frar 2021, li permezz taghha ddikjarat li l-manteniment dovut gie saldat (Vide fol 21);

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**SCB** xehdet (vide affidavit a fol 15) illi hija zzewwget lill-attur nhar is-16 ta' Jannar 2004 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, li llum ghadhom minorenni. Ikkonfermat illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta separazzjoni nhar it-12 ta' Dicembru 2012. Xehdet illi ma hemm ebda possibbilita ta' rikonciljazzjoni. Finalment sostniet illi ghar-rigward l-arretrati, l-attur ghandu jhallasha in full, s-somma ta' disa mija, wiehed u tmenin euro u hdax-il centezmu (€981.11), u f'kas li dan l-ammont jigi mghoddi lilha, hija ma jkollhix oggezzjoni li iz-zwieg jigi mahlul permezz tal-proceduri odjerni. Uriet ix-xewqa li tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe C.

**MCB xehed** (vide affidavit fol 18) fejn ikkonferma u kkollaborat dak li xehed l-intimata. Ghar-rigward tal-manteniment dovut lill-intimata, huwa ddikjara li din il-pendenza giet sorvolata permezz ta' hlas li sar bis-sahha ta' Bank Transfer (vide Dok A, fol 19).

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu***

*infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-16 ta' Jannar 2004, liema zwieg jgib certifikat numru 76/2004 (vide certifikat taz-zwieg Dok A, a fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono, datat 12 ta' Dicembru 2012 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Di piu', il-Qorti rat illi l-intimata talbet sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe' C.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 76/2004 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe' C u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**